MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 2093/2000/1

Anġelo **MICALLEF**

vs

Carmel **BONANNO**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta’ Settembru, 2000, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti tikkundanna lill-imħarrek iħallsu s-somma ta’ tmint elef mitejn u disgħa u ħamsin lira Maltija (Lm8,259) rappreżentanti l-bilanċ minn somma akbar dovuta bħala valur ta’ xogħlijiet magħmula fuq talba tal-istess imħarrek, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri bit-tmienja fil-mija (8%) u dan wara li tiddeċiedi li taqta’ l-kawża mingħajr smigħ;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Novembru, 2000[1], li bih tat lill-imħarrek il-jedd li jitħalla jikkontesta l-kawża u tagħtu żmien biex iressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat id-degriet ta' dak inhar stess li bih ħatret lill-Perit Arkitett Valerio Schembri bħala perit tekniku biex jirrelata dwar il-fatti tekniċi tal-każ u jistħarreġ l-ilmenti tal-imħarrek dwar il-kwalita' tax-xogħlijiet forniti mill-attur;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fid-9 ta' Frar, 2001, li biha laqa' għat-talba tal-attur billi qal li dik it-talba mhix mistħoqqa għaliex, ingħaddew xogħlijiet li l-eċċipjenti ma kellux obbligu jħallas, xi xogħol sar ħażin jew mhux kif titlob is-sengħa u b'konsegwenza ta' hekk l-eċċipjenti ġarrab danni, u li l-kawża saret biss bil-ħsieb li ddejjaq, għaliex l-eċċipjenti minn dejjem wera li ried jasal bil-kelma t-tajba iżda kien l-attur li baqa' intransiġenti;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit tekniku fit-3 ta' Ġunju, 2003[2], u minnu maħluf waqt is-smigħ tas-27 ta' Ottubru, 2004;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-5 ta' April, 2005, li bih l-avukat difensur tal-attur iddikjarat li l-klijent tagħha kien joqgħod għall-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku fir-Rapport tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2005, li bih laqgħet it-talba tal-avukat difensur tal-imħarrek biex jingħata aktar żmien biex jistudja r-rapport u tagħtu żmien biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Mejju, 2005, li bih l-avukat tal-imħarrek irrinunzja għan-Nota ta' Sottomissjonijiet u talab li jittratta l-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Paġ. 29 tal-proċess
[2] Paġġ. 55 – 72 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' xogħol imwettaq f'appalt mogħti lill-attur fuq talba tal-imħarrek. L-attur kien tqabbad mill-imħarrek biex jagħmel xogħol ta' bini, lavur u tisqif tas-soqfa bil-konkos f'post fi Triq il-Ħaġar, il-Mosta

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fil-15 ta' Mejju, 1999[3], l-attur u l-imħarrek ftehmu li tal-ewwel kellu jibni u jiżviluppa s-siti ta' żewġ *plots* proprjeta' ta' wieħed Alex Falzon fi Triq il-Ħaġar, Mosta. L-imħarrek kien il-kuntrattur imqabbad mis-sid, filwaqt li l-attur kien is-sub-appaltatur[4]. Ix-xogħol kellu jinbeda fl-1 ta' Ġunju u jintemm fit-8 ta' Ottubru ta' dik is-sena. Fl-istess ftehim, sar qbil fuq ir-rati tax-xogħol. L-imħarrek kellu jġib il-materjal u jieħu ħsieb jixtrih hu[5]. Il-ftehim kien sar quddiem il-perit arkitett David Psaila, li kellu jissorvelja l-aspetti tekniċi tal-bini fl-interess tas-sid Falzon. Il-perit xehed li la s-sid Falzon u lanqas l-imħarrek ma ressqu xi lment dwar xogħol li għamel l-attur. L-istess perit kien kejjel ix-xogħol li għamel l-attur[6]. L-attur jgħid li kien tħallas akkont darbtejn, imma baqa' jistenna l-bilanċ mitlub fiċ-Ċitazzjoni. Il-kawża nfetħet f'Settembru tal-2000;

Illi jidher li l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jsawru l-każ jinbnew tista' tgħid kollha fuq is-siwi tal-ilmenti tal-imħarrek dwar il-kwalita' tax-xogħol mogħti mill-attur. F'dan il-każ, l-imħarrek irid isostni l-allegazzjoni tiegħu li xi xogħol li għamel l-attur sar ħażin. Minbarra dan, huwa jallega wkoll li l-attur qiegħed jitlob ħlas għal xogħol li ma kellux iħallas għalih l-istess imħarrek. Fiż-żewġ każijiet, jaqa' fuq l-imħarrek il-piż li jipprova dak li qed jallega[7]. Fix-xhieda mogħtija minnu[8], l-imħarrek isemmi biss il-

[3] Dok "Ċ", f'paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[4] Xhieda tal-AIC David Psaila 8.10.2001, f'paġġ. 77 – 8 tal-proċess
[5] Xhieda tal-attur 26.9.2001, f'paġ. 74 tal-proċess
[6] Dok "B", f'paġġ. 6 sa 21 tal-proċess
[7] Art. 562 tal-Kap 12
[8] Xhieda tal-imħarrek 7.11.2001, f'paġġ. 85 – 6 tal-proċess

problema li nqalgħet fil-kisi tar-rampa tad-*drive in* tal-post terran li nbena u ma jsemmi l-ebda difett ieħor fix-xogħol kollu magħmul mill-attur. Min-naħa tiegħu, l-attur jgħid li l-problema tad-*drive in* kien maħluq minħabba d-daqs tat-toqba li fiha jaqa' l-ilma tax-xita liema toqba jgħid li saret mill-imħarrek. L-imħarrek jgħid li kellu jqabbad lil ħaddieħor biex jagħmel tajjeb il-qlib ħażin li l-attur kien għamel meta ta l-konkos tad-*drive in*;

Illi l-perit tekniku qies dawn l-ilmenti u kif ukoll il-provi l-oħrajn kollha ta' xejra teknika li tressqu biex isostnu t-talba tal-attur. Jirriżulta li l-kejl tax-xogħol imwettaq sar mill-perit Psaila u ħadd ma lmenta miegħu dwar xi konsiderazzjonijiet mhux korretti jew xi konteġġi li dwarhom ma kienx hemm qbil. Fuq kollox, l-imsemmi Perit kejjel xogħol li fil-fehma tiegħu kien xogħol magħmul skond is-sengħa. Dwar ilmenti oħrajn allegati, l-imħarrek ma ressaq l-ebda prova oħra;

Illi l-perit tekniku, għar-raġunijiet imfissrin fir-rapport tiegħu, deherlu li kellu joqgħod fuq il-verżjoni tal-attur u ma jimxix ma' dik tal-imħarrek. Sab, għalhekk, li, mill-aspett tekniku, l-imħarrek ma weriex li kellu raġun. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek ma jidhirx li b'xi mod attakka b'konsistenza l-konklużjoni li wasal għaliha l-perit ġudizzjarju. Il-Qorti ssib li hija għandha raġuni tajba għaliex timxi mal-konklużjonijiet tal-perit maħtur minnha u dan għaliex tali konklużjonijiet huma msejsa fuq eżami bir-reqqa tal-rpvi teknići li l-istess perit intalab jistħarreġ u kif ukoll għaliex jidhru li ħadu qies tal-kontenzjonijiet taż-żewġ partijiet[9], u minnhom silet dik il-verżjoni li wieħed jista' raġonevolment l-aktar joqgħod fuqha;

Illi b'żieda ma' dan jingħad ukoll li l-perit tekniku wasal għall-fehmiet tiegħu wara li ħa qies tal-kostatazzjonijiet teknići u fattwali li ħarġu mill-provi u mill-aċċess miżmum fuq il-post. Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-

[9] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Theuma vs Anthony Borġ***

konklużjonijiet ta’ perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta’ prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita’ sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta’ provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b’sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[10]. Għalkemm il-Qorti m’hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta’ perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[11], madankollu l-*giudizio dell’arte* ma jistax u m’għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b’mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[12];

Illi jifdal li din il-Qorti tqis punt ieħor. Dan joħroġ mit-talba tal-attur. L-attur jgħid li għad fadallu jitħallas ’il fuq minn tmint elef lira Maltija. Jgħid ukoll[13] li huwa tħallas darbtejn akkont mingħand l-imħarrrek għal xi xogħol li huwa għamel fl-imsemmi appalt. Issa lill-perit tekniku irriżultalu li x-xogħol kollu mkejjel mill-perit Psaila imwettaq mill-attur fis-sit tal-Mosta ma kienx jaqbeż is-somma ta’ sebat elef u tmin mitt lira Maltin. Dan wasal għalih mill-istess konteġġi li l-attur innifsu ressaq flimkien maċ-Ċitazzjoni biex juri kif wasal għas-somma li huwa qiegħed jitlob. Min-naħa l-oħra, ma ressaq l-ebda prospett biex ifisser kif wasal għas-somma li qiegħed jitlob fl-istess Ċitazzjoni. L-imħarrek baqa’ għal kollox sieket fuq xi ħlasijiet li suppost għamel lill-attur, u dan meta kien jgħinu ħafna l-fatt li b’xi mod inaqqas l-ammont mitlub kontrih;

Illi fiċ-ċirkostanzi u fin-nuqqas ta’ provi oħrajn li hija ma jidhrilhiex li għandha tissupplimenta minn rajha, l-Qorti tagħżel ukoll li toqgħod fuq il-konklużjoni milħuqa mill-perit tekniku u tiffissa l-ogħla ammont li l-attur jista’ jitlob fis-somma ta’ sebat elef tmien mija u wieħed u sebgħin lira Maltija u sebgħa u sittin ċenteżmi (Lm 7,871.67)[14];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[10] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***
[11] Art. 681 tal-Kap 12
[12] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)
[13] Xhieda tiegħu, f’paġ. 75 tal-proċess
[14] €18,336

**Tilqa' t-talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' Lm 7,871.67 rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' xogħol ta' bini mwettaq fuq talba tal-istess imħarrek;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-imħarrek** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna lill-imħarrek** iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża flimkien mal-imgħaxijiet legali bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma fuq imsemmija b'seħħ mid-29 ta' Settembru, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------